MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 897/1987/1

Raymond u Saviour ahwa Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tad-Ditta John’s Garage Limited
vs
Michael Licari u Walter Williams fil-kwalita` taghhom ta’ Diretturi u in rapprezentanza tad-Ditta DHL International Limited u Alan Fleri Soler

Il-Qorti,

**A: CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-atturi li biha ppremettew:

Peress illi b’kitba tat-30 ta’ Dicembru 1983 l-atturi nomine dahlu fi ftehim mad-ditta konvenuta li bih l-atturi kellhom jikrulha diversi karozzi taht u versu l-kondizzjonijiet indikati fl-istess kitba (Dok A).

Peress illi b’kitba ohra ta’ l-1 ta’ Lulju 1986 l-istess ftehim gie mgedded ghal erba’ snin fuq l-istess linji salv xi modifika fuq il-prezz (Dok B).

Peress illi fost il-kondizzjonijiet imsemmija gie miftiehem illi l-karozzi mikrija kellhom ikunu koperti b'full insurance cover.

Peress illi l-atturi kienu ghamluha cara lid-ditta konvenuta illi l-assikurazzjoni fil-kitbiet imsemmija kienet tkopri xufiera 'il fuq mill-eta` ta' 25 sena kif solitu isir f'kirjiet simili u fil-kaz li l-kumpanija riedet tuza xufiera taht l-eta` ta' 25 sena hija kellha tavza lill-istanti u taghti l-partikolarijiet kollha ta' l-istess xufiera halli l-informazzjoni tigi riferita ghall-approvazzjoni o meno tad-ditta assikuratrici.

Peress illi in segwitu ghall-ftehim fuq imsemmi d-ditta konvenuta permezz ta' ittra li ggib id-data 18 ta' April 1986 Dok C informat lill-istanti li d-ditta kellha biss xufier wiehed taht l-eta` ta' 25 sena cioe` Mark Galea li kellu 22 sena li kien juza l-karozzi mikrija, liema xufier gie approvat mid-ditta assikuratrici kif jirrizulta minn ittra tal-25 ta' April 1986 (Dok D).
Peress li fit-13 ta' Novembru 1986 ghall-habta ta' l-10.00 pm il-konvenut Alan Fleri Soler, ta' 19-il sena u impjegat mad-ditta konvenuta, filwaqt li kien qed isuq karozza Mazda numru J-8183 minn Salina Coast Road, Bahar ic-Caghaq minhabba imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku baqa' diehel go hajt u spicca bil-karozza maqluba go ghalqa.

Peress illi l-karozza msemmija, li kienet wahda minn dawk mikrijin mill-atturi lid-ditta konvenuta, bhala konsegwenza ta' l-incident sofriet danni konsiderevoli tant li ma setghetx tissewwa.

Peress illi d-ditta konvenuta, bi ksur tal-ftehim ma' l-atturi, ma kenitx informat lill-istanti bis-sewwieq Alan Fleri Soler b'konsegwenza li d-ditta assikuratrici tal-atturi rrifjutat li taccetta talba ghall-kumpens tal-hsarat riportati mill-istanti.

Peress illi l-atturi bhala konsegwenza ta' l-incident imsemmi sofrew danni ammontanti ghall-Lm4,365.00 liema danni l-konvenuti baqghu ma hallsux ghalkemm mitluba diversi drabi biex jaghmlu dan.

L-atturi talbu lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment jew min minnhom responsabbli ghall-incident stradali tat-13 ta' Novembru 1987 fuq imsemmi u ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza ta' l-istess incident.

2. Tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm4,365.00 jew f'dik is-somma verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti solidament jew min minnhom sabiex ihallsu lill-atturi nomine, in linea ta' danni kif fuq inghad, is-somma ta' Lm4,365.00 jew dik is-somma verjuri li tigi likwidata mill-periti u esperti fuq imsemmija.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tal-21 ta' Jannar 1987 u bl-imghax legali mit-13 ta' Novembru 1986 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-atturi.

**B: ECCEZZJONIJET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Michael Licari u Walter Williams nomine li eccepew:

1. Illi d-domandi attrici in kwantu huma diretti kontra l-konvenuti nomine u kif impostati, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-konvenuti nomine mhumiex responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni.

2. Illi mhux minnu li l-ftehim tat-30 ta' Dicembru 1983 gie mgedded fl-1 ta' Lulju 1986; li gara huwa li l-ftehim tat-30 ta' Dicembru 1983 skada u l-partijiet dahlu fi ftehim gdid taht kondizzjonijiet godda. Illi l-anqas ma huwa minnu li l-partijiet kienu ftehmu illi xufiera taht il-25 sena ma setghux isuqu il-vetturi tal-atturi nomine.

3. Ghal dawn il-motivi t-talbiet attrici in kwantu huma diretti kontra l-konvenuti nomine ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Alan Fleri Soler li eccepixxa:

1. Minghajr pregudizzju li l-konvenut m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi u ghandu jigi liberat "ab observantia".

2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex l-akkordju stipulat u ffirmat bejn iz-zewg kumpaniji kontendenti ma jikkontempla ebda klawsola jew kondizzjoni li tista' taffettwa lill-konvenut.

3. Illi l-premessi inkorporati fic-citazzjoni huma foloz ghaliex l-ewwel ftehim ma giex rinnovat u l-anqas ma hemm novazzjoni guridika.
4. Minghajr pregudizzju li l-konvenut ma kien bl-ebda mod hati ta' l-incident kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u semmai jekk tirrizulta xi kolpa jew xi responsabilita` ta' danni, dawn ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

## C: PROVI U KONSTATAZZJONIJIET:

Illi fit-13 ta' April, 1988 din il-Qorti diversament presjeduta innominat lil Dr. Pierre Lofaro bhala Perit Legali. Dan zamm diversi seduti ukoll bl-ghajnuna tal-Assistenta Gudizzjarja Dr M. Gonzi, u ikkonkluda li bhala konsiderazzjonjiet jinghad li:

"Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici qeghda titlob li l-konvenuti jigu dikjarati "solidalment jew min minnhom responsabbli ghall-incident stradali tat-13 ta' Novembru 1986 fuq imsemmi u ghad-danni kollha sofferti mill-istanti bhala konsegwenza ta' l-istess incident" u li l-istess konvenuti solidalment jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu l-istess danni ammontati ghal Lm4,365 jew somma verjuri.

Illi l-esponenti hu ta' l-umli fehma illi dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda in kwantu indirizzati lejn il-konvenut Alan Fleri Soler. F'din il-kawza s-socjeta` attrici kkoncentrat fuq il-punt li s-socjeta` konvenuta ppermettiet lil Fleri Soler, persuna taht il-25 sena, li ssuq il-vetturi mertu ta' l-iskrittura ta' l-1 ta' Lulju 1986 minghajr ma nfurmat u ottjeniet il-permess tas-socjeta` attrici u per konsegwenza ta' dan in-nuqqas is-socjeta` assikuratrici tas-socjeta` attrici irrifjutat li tikkompensaha ghall-hsarat li garrbet wahda minn dawn il-vetturi meta kienet qed tigi misjuqa minn Fleri Soler fit-13 ta' Novembru 1986. Is-socjeta` attrici naqset milli tipprova li l-incident awtomobilistiku tat-13 ta' Novembru 1986 gara "minhabba imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku" da parti ta' Fleri Soler kif gie premess mis-socjeta` attrici fic-citazzjoni taghha. L-unika prova li ngabet dwar l-incident inniffsu kienet ix-xhieda tal-konvenut Fleri Soler meta gie prodott in subizzjoni mis-socjeta` attrici. Kull ma qal ta' rilevanza dwar l-incident kien li "Hbatt billi skiddjajt, hbatt ma cint baxx u nqlibt". Dan wahdu mhuwiex sufficjenti sabiex huwa jirrispondi ghad-danni pretizi mis-socjeta` attrici ghaliex mhuwiex inkoncepibbli li seta' skiddja mhux minhabba imperizja, negligenza jew nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku. Fl-opinjoni umli tal-Perit Legali r-raba' eccezzjoni tal-konvenut Fleri Soler ghandha tigi milqugha.

Irrizulta wkoll li ma kien hemm ebda ness kontrattwali bejn is-socjeta` attrici u Fleri Soler u ghalhekk ukoll, gja fuq stabbilit il-fatt li l-konvenut Fleri Soler ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici naxxenti minn delitt jew kwazi delitt, ghandu ragun l-istess Fleri Soler jghid fl-ewwel eccezzjoni tieghu li "m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi".

Illi in kwantu diretti lejn is-socjeta` konvenuta, fl-opinjoni tal-esponenti, t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu milqugha. Is-socjeta` attrici talbet, inter alia, illi l-konvenuti solidalment jew min minnhom jigu dikjarati responsabbli "ghad-danni kollha sofferti mill-istanti bhala konsegwenza ta' l-istess incident" u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` attrici li "d-domandi …. kif impostati, ghandhom jigu michuda…. billi l-esponenti nomine mhumiex responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni" ma treggix. Irrizulta bl-aktar mod car minn dak li xehdu l-atturi nomine (b'mod mhux kontradett), mid-Dok SF1/SF2 u mill-korrispondenza, b'mod partikolari mill-ittra ta' l-istess socjeta` konvenuta tat-18 ta' April 1986 (Dok C a fol 7 tal-process) illi s-socjeta` konvenuta kienet taf li ma kienx permess illi l-vetturi mikrija jigu misjuqa minn persuni taht il-25 sena minghajr il-permess tas-socjeta` attrici u ghalhekk hija gustifikata s-socjeta` attrici li fic-cirkostanzi ddur fuq is-socjeta` konvenuta sabiex din thallasha s-somma ta' Lm4,365 (cifra li ma gietx kontestata) rappresentanti danni li s-socjeta` attrici sofriet b'rizultat ta' l-incident tat-13 ta' Novembru 1986.

**D: KONSIDERAZJONIJIET:**

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-process fl-intier tieghu u tinnota kif gustament qal il-Perit Legali li l-konvenuti ma ressqu l-ebda prova u l-provi mressqa mis-socjeta` attrici ma gew bl-ebda mod kontradetti.

Illi pero` din il-Qorti minkejja dan il-fatt li ma kien hemm l-ebda prova migjuba mill-konvenuti hija konxja mill-principju illi **"*Ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio*"** u dan peress illi huwa gust illi minn jitlob l-

assistenza tal-ligi ghandu fl-ewwel lok ikun hu li jipprova l-kaz tieghu.

Illi skond l-ordni logiku tar-regoli probatorji jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok illi jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu li l-konvenuti huwa d-debituri tieghu. Sakemm dan ma jaghmlux il-konvenut jibqa' assistit mill-principju illi l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu imqar "prima facie" jistabilixxi t-tezi tieghu illi mbaghad il-piz tal-prova jisposta ruhu ghal fuq il-konvenut. Kif jinghad mill-<u>Phipson</u> "<u>On Evidence</u>", 11th Edition, para 103 **"*In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case*".**

***<u>Responsabbilta` tas-socjeta` intimata:</u>***

Illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet talbet lis-socjeta` konvenuta lista tal-persuni li possibilment kienu ser isuqu l-vetturi mikrija lilha [fol 107]. Jirrizulta illi permezz ta' ittra datata 3 ta' Mejju, 1986 [fol. 108] is-socjeta` konvenuta nghatat permess sabiex l-impjegat taghha Mark Galea li ma kienx ghadu ghalaq hamsa u ghoxrin (25) sena jkun jista' jsuq il-vetturi indikati f'dik l-istess ittra. In segwitu fit-2 ta' Frar, 1987 is-socjeta` konvenuta kienet indikat ukoll lil Astrid Sciberras u Alan Fleri Soler li wkoll ma kellhomx hamsa u ghoxrin (25) sena jkunu jistghu jsuqu l-vetturi mikrija lilha. Illi pero` jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet infurmat lis-socjeta` attrici li l-unika persuna li hija kellha registrata maghha fil-jum ta' l-incident u cioe` fit-13 ta' Novembru, 1986 kien Mark Galea, u ghalhekk il-konvenut Alan Fleri Soler ma kienx awtorizzat isuq il-vettura ta' l-ghamla Mazda 323 numru ta' registrazzjoni J-8183 li kienet involuta fl-incident fis-Salina Coast Road.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet kriet lis-socjeta` konvenuta tliet vetturi ta' l-ghamla Mazda kif jirrizulta mill-iskrittura esebita bhala Dok. B a fol. 5 tal-process. Illi l-kontraenti f'din l-iskrittura huma biss is-socjeta` attrici u dik konvenuta. Illi fil-kundizzjoni numru hamsa (5) ta' din l-iskrittura hemm miktub illi s-socjeta`

konvenuta hija responsabbli ghall-vetturi mikrija lilha u li tara li r-regolamenti kollha imposti mill-ligi jigu osservati.

Illi jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet infurmat lis-socjeta` attrici permezz ta' ittra datata 18 ta' April, 1986 (Dok. C a fol. 7) illi s-sewwieqa taghha salv u b'eccezzjoni ghal Mark Galea li kellu tnejn u ghoxrin (22) sena kollha kellhom 'il fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena. Illi konsegwentement u in segwitu ghal din l-ittra, is-socjeta` assikuratrici Laferla Insurance Services Limited kienet infurmat lis-socjeta` attrici li Mark Galea kien kopert b'polza tas-sigurta` u li seta' jsuq il-vetturi X-2850, D-1203 u D-1204 u dan nonostante l-eta` tieghu.

Jirrizulta mill-atti wkoll u cioe` mill-ittra datata 22 ta' April, 1986 (Dok. SF 3 esebita a fol. 107) illi s-socjeta` attrici kienet talbet lis-socjeta` konvenuta lista tas-sewwieqa li kienu ser jaghmlu uzu mill-vetturi mikrija lilhom waqt it-terminu tal-kuntratt u dan ai fini ta' assikurazzjoni. Illi s-socjeta` konvenuta kienet ipprovdiet lis-socjeta` attrici b'din il-lista fit-3 ta' Frar, 1987 (Dok. RF 2 a fol. 110) u f'din il-lista hemm indikat il-konvenut l-iehor Alan Fleri Soler.

Ma hemmx dubju ghalhekk illi s-socjeta` attrici saret taf bis-sewwieq Alan Fleri Soler wara t-3 ta' Frar, 1987 u cioe` hafna wara li sehh l-incident ***de quo*** u konsegwentement is-socjeta` konvenuta awtorizzat is-sewwieq Alan Fleri Soler isuq il-vettura meta kienet taf li dan ma kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni u inoltre meta ma kienx awtorizzat isuq din il-vettura mis-socjeta` attrici. Min hawn tohrog cara r-responsabbilta' tal-incident da parti tas-socjeta` intimata. Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.

Illi dwar ir-responsabbilita` tal-htija ta' l-incident, il-Qorti tirrileva li l-process huwa pjuttost monk mill-provi f'dan ir-rigward u l-unika referenza ghall-incident huwa dak li xehed il-konvenut Alan Fleri Soler in subizzjoni u cioe` meta qal "hbatt billi skiddjajt, hbatt ma cint baxx u inqlibt". Illi bhala fatt dan is-sewqan mhux necessarjament jammonta ghal imperizja negligenza jew nuqqas ta'

osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku kif reklamat mis-socjeta` attrici, u dan ghaliex seta’ kien rizultat ta’ accident sfortunat. Jirrizulta bhala fatt illi s-socjeta` konvenuta effettivament halliet lil persuna u cioe` impjegat taghha Alan Fleri Soler isuq il-vettura li sfat involuta fl-incident ***de quo*** meta ma kienx hekk awtorizzat mill-istess socjeta` attrici. Illi bhala konsegwenza ta’ dan is-socjeta` attrici sofriet danni fl-ammont ta’ Lm4365 rapprezentanti hsarat fuq il-vettura skond id-dokument RF 7 a fol 109.

Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha datata 20 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja** qalet illi:

“Illi fil-kors ordinarju tal-process min jallega l-pagament (fil-kaz odjern hsarat) dan irid jissostanzjah, anke jekk biex jaghmel dan mhux necessarjament jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali (Ara “**Av. J. Buttigieg noe –vs- Jos. Portelli noe**”, Appell Kummercjali, 26 ta’ Jannar 1976; “**Joe Chetcuti noe –vs- Joseph Pearson et noe**,” Appell, 5 ta’ Ottubru 1998).

Illi l-Qorti hija sodisfatta illi l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici huwa rejalment dovut, u dan anke a bazi tad-dokumentazzjoni imressqa, liema provi u dokumentazzjoni kif diga inghad ma gewx kontestati. Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha tirrispondi ghal ghemil dannuz taghha fil-konfront tas-socjeta` attrici. Ghalhekk il-Qorti tichad it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta. It-tieni eccezzjoni hija michuda ghall-istess motivi.

***Responsabbilta` ta’ Alan Fleri Soler:***

Huwa principju car li kulhadd ghandu jkun tenut responsabbli ghal dak li jaghmel. Il-konvenut Alan Fleri Soler kien qieghed isuq il-vettura in kwistjoni u kif xehed hu stess “hbatt billi skiddjajt, hbatt ma cint baxx u nqlibt”. Hu sostna li ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-atturi u ghalhekk ghandu jigi liberat ***“ab observantia”.*** Huwa veru li Alan Fleri Soler qatt ma dahal fi ftehimijiet mas-

socjeta` attrici izda dan ma jwassalx ghal li ma ghandux responsabbilta`. Kieku wiehed kellu jaccetta dan ma jkunux jezistu tliet kwarti tal-kawzi tad-danni ghax f'hafna minnhom ma jkunx hemm kuntratt minn qabel bejn il-partijiet. Il-kwistjoni hija jekk il-konvenut Alan Fleri Soler ikkawzax danni lis-socjeta` attrici u dan jirrizulta manifest u ghalhekk il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tieghu.

L-istess jinghad dwar it-tieni eccezzjoni tieghu. Is-socjeta` intimata tant kienet taf li persuna taht il-25 sena ma setghetx issuq vettura mikrija lilha li fil-kaz ta' Galea kitbet ghall-permess specjali minn kmieni. Kitbet ukoll ghall-permess dwar il-konvenut Alan Fleri Soler ukoll izda addirittura xhur wara l-incident. Ghalhekk tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tieghu.

Hu eccepixxa fit-tielet lok li l-premessi huma foloz ghax l-ewwel ftehim ma giex rennovat u lanqas ma hemm novazzjoni guridika. Din l-eccezzjoni tghid il-verita` izda mhix sufficjenti biex tnehhi l-htija tal-konvenut Alan Fleri Soler.

Dwar ir-raba' eccezzjoni li l-konvenut ma kien bl-ebda mod hati ta' l-incident kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u semmai jekk tirrizulta xi kolpa jew xi responsabilita` ta' danni, dawn ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta jinghad li kif issemma fuq gie ppruvat li Alan Fleri Soler kien qieghed isuq il-vettura u li din kawza tal-incident saritilha hsara ta' LM4365. Dan sar meta l-imsemmi Fleri Soler "hbatt billi skiddjajt, hbatt ma cint baxx u nqlibt". Hemm ir-responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta wkoll izda dan ma jnehhix ir-responsabbilta` solidali tieghu. Ghal dawn il-motivi tichad ukoll din l-eccezzjoni.

**E: DECIZJONI:**

Ghaldaqstant tiddikjara lill-konvenuti solidament responsabbli ghall-incident stradali. Konsegwentement tillikwida d-danni fl-ammont ta' erbat elef tlett mija hamsa u sittin liri Maltin (Lm4365) u tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta u l-konvenut Alan Fleri Soler jhallsu s-

somma hekk likwidata ta’ Lm4,365 lis-socjeta` attrici bl-imghaxijiet legali mit-13 ta’ Novembru, 1986.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bin-nofs mis-socjeta` konvenuta u mill-konvenut Alan Fleri Soler.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------